MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 14**

**Il-Erbgħa, 09 ta' April 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Erbgħa, 09 ta' April 2024 fil-3:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**14.1 Talba;**

14.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-03:30 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT14.10, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**14..2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

14.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Joseph Mercieca u l-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

**14.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

14.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 12 u 13 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

14.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

14.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

.

**14..4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

14.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 11/20025 għall-perjodi bejn it-18 ta' Marzu 2025 u d-09 ta' April 2025 li tammonta għal €12,239.56 ġiet approvata u iffirmata.

**14.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

14.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, ippropona li apparti mill-iskemi l-oħra li diġà qbilna li se napplikaw għalihom, napplikaw ukoll għal-iskema *SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet Aktar Nodfa.* Din l-iskema tistipula li bħala kunsill nagħmlu attivita' ta' *Clean Up* bl-involviment tar-residenti. Is-Sindku propona li din issir is-Sibt 20 ta' Settembru, hu zied jgħid li ma din l-iskema hemm fondi ta €1,500 li hu qed jipproponi li bihom nixtru *Blower/Vaccum,* Brushcutter u li nagħmlu *bin* fil-*Playing field* fejn wieħed ikun jista jissepara l-iskart. Hu wera lil membri preżenti ritratt li ħa ta dan il-*bin* filwaqt li spjega ukoll il-bzonn tal-għodda li qed jipproponi biex ngħinu kemm nistaw lil uniku *handyman* li għandna. Il-membri qablu unanimament.

14.5.2 Is-Sindku, xtaq jaġġorna lil membri dwar dak li kien ġie diskuss fuq l-avveniment ta Ġunju. Hu xtaq li l-membri ikunu jafu li jekk il-finanzjament ma jkunx kopert mill-*Events in Gozo* hu ma kienx tal-parir li nagħmlu dan l-avveniment. Il-membri qablu.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

14.5.3 Is-Sindku ippropona li għall-festa 2025 norganizzaw attività għall-anzjani tar-raħal. L-iskop hu li nkunu qed nilħqu kull sezzjoni tar-residenti tagħna bl-attivitajiet li nagħmlu matul is-sena. Ġew diskussi diversi possibiltajiet u ġranet u l-membri qablu li ssir it-Tlieta 10 ta' Ġunju u li nagħmlu riċeviment b'*entertainment* addattat għalihom. Din l-attivita' se tkun qed tieħu post l-ikla li kienet titqassam fid-djar fil-festa.

14.5.4 Is-Sindku esprima l-ħsieb tiegħu li jneħħi l-*pots* li jinsabu quddiem iċ-ċentru, l-uffiċju, etċ. Dan huma ukoll ta xkiel għal-aċċess tal-bankina. Il-kunsill qabel li jitneħħew.

14.5.5 Is-Sindku xtaq jaġġorna lil membri li Festa Tfal 2025 ser tkun qed issir nhar it-Tlieta 10 ta' Ġunju. Hu ippropona li niltaqaw mar-raprezentanti tal-għaqdiet flimkien mal-kappillan biex kulħadd ikun aġġornat u infurmat kif ser titmexxa l-attivita'. Hu jipropona li nerġaw nuzaw l-banda *Allegro Clefs* u nagħmlu xi *entertainment* għat-tfal. Ġie propost li nġibu *magician* u *balloon modelling.* Il-membri qablu u nerġaw niddiskutu l-punti finali wara l-laqgħa mal-membri.

14.5.6 Is-Sindku reġa semma l-iskema SPI/SCI/02/2025 – Skema Attivitajiet Annwali 2025/2026 u xtaq li jiġi diskuss d-data u isem addattat. Ġie deċiż li ssir il-Ġimgħa 15 ta' Mejju, wara diskussjoni li l-attività ser tingħata l-isem *Summer of Cultures*. Ġie deċiż li tkun iffokata fuq il-Ġelat tan-nanna, li se ninvolvu aktar minn band waħda u li ser nkunu qed nikkolaboraw flimkien mal-għaqdiet tar-raħħal. L-attivita' ser tittella fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. L-ispiza tal-kunsill qed tiġi stmata madwar €7,000.00 Il-membri qablu unanimament u l-amministrazzjoni ser tkun qed tieħu ħsieb li tinġabar l-informazzjoni u tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

**14..6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

14.6.1 Il-Viċi Sindku Ivana Mizzi reġat semmiet is-sitwazzjoni relatata mas-Sinjura Josianne Cassar. Hi qalet li kellha telefonata mingħandha u li din se tkun qed tieħu passi bl-avukat dwar is-sitwazzjoni tagħha. Ivana żiedet tgħid li fil-minuti kien hemm imniżżel li kien qed jiġi ikkontestat l-persentaġġ mogħti filwaqt li is-Sinjura Cassar qed tikkontesta il-fatt li ma ġietx diskussa magħha l-*Performance* Appraisal. Għall-fatt li hemm disgwid u peress li din is-sitwazzjoni qed ittawal, Ivana issuġġeriet li inkellmu avukat. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret lill Viċi Sindku li din is-sitwazzjoni kienet diġà spjegata diversi drabi u fl-aħħar laqgħa ġie għal

darba oħra mgħoti rendikont sħiħ tas-sitwazzjoni. Madanakollu illum waqt is-sezzjoni tal-korrispondenza kienet ser tiġi diskussa ittra/nota li s-Segretarju Eżekuttiv irċieva ftit minuti qabel bdiet il-laqgħa mingħand is-Sinjura Cassar. Din l-ittra ġiet iprezentata wara li fuq din is-sitwazzjoni ġie involut issa anke is-Sur Paul Gatt li hu il-President tal-ANSEK. Is-Segretarju Eżekuttiv iċċirkolat l-ittra mal-membri preżenti. Il-Kunsill qabel li l-ittra li ġiet iprezentata illum, bid-data ta illum u li hi iffirmata min l-ex Sindku ma taffetwax id-deċizjoni meħuda mill-Kunsill u dan għal fatt ewlieni li ġiet ippreżentata wara li -deċizjoni kienet meħuda u ikkonfermata. Qabel ma ingħalqet id-diskussjoni fuq dan il punt, is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil membri preżenti għal aktar minn darba jekk għandhomx xi informazzjoni li biha jeħtieġ li jibda l-proċess biex tinbidel id-deċiżjoni meħuda fuq il-perċentaġġ mogħti, wara risposta negativa il-laqgħa tkompliet.

## 14.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;

14.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet tiġbed l-attenzjoni għal-fatt li nhar it-Tnejn se jkun hemm it-Triq tal-Għajn magħluqa filgħodu u anke filgħaxija.

14.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet il korrispondenza li rċeviet mingħand Martin sid il-*Pharnacy* ta Triq tal-Għajn. Hu informa lill-Kunsill li ġie mgħoti l-permess biex iwaqqa d-dar tal-kantuniera. Hu informa biex inkunu nistaw naqalgħu in-*noticeboard* u il-fanal. Ġie propost li nagħmlu kuntatt miegħu biex jinfurmana xi ġranet qabel jibda ix-xogħol.

14.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għal kors tal-*First Aid* fejn hemm bżonn jiġi diskuss il-ħlas. Ġie deċiż li r-residenti iħallsu €35 u €40 għal dawk li mhux residenti.

14.7.4 Is-Segretarju għamlet referenza għall-rikjesta li kienet saret f'laqgħa preċedenti dwar kaxxa tad-dawl imwaħla ma propjetà. Hi ikkonfermat li rċevit risposta li dik l-kaxxa hi tal-Enemalta u li sservi biex tagħti d-dawl għal fanali tal-faċċata. Il-kunsillier Horace Micallef xtaq li nistaqsu jekk din il-kaxxa tistax teħel x'imkien ieħor (mhux ma propjetà oħra).

14.7.5 Is-Segretarju resqet korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Għajn Tuta ta' Kerċem biex naprovaw l-għeluq ta Triq ix-Xlendi nhar il-11 ta' Lulju biex jingħata n-nar mill-għelieqi Tas-Saqwi. Il-Kunsill ma jsib l'ebda oġġezjoni.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

14.7.6 Is-Segretarju resqet quddiem il-membri l-istima ta Galea Curmi biex jiġu jagħmlu *assessment* fuq il-fanali ta Triq il-Kappillan Hili. Il-Kunsill approva l-istima u għalhekk fil-ġranet li ġejjin issir appuntament biex ix-xogħol jitwettaq.

**14.8 Board – CCTV Cameras;**

14.8.1 Is-Segretarju ippreżenta l-*Evaluation Report* mgħoddi mill-board, il-Kunsill approva ir-rakomandazzjoni tal-*board* u ta l-aprovazzjoni biex inkomplu l-proċess.

**14.9 Ħarġa – Jum l-Omm;**

14.9.1 Is-Sindku ippropona li ssir ħarġa ta Jum l-Omm f'Għawdex. Hu issuġġerixxa li nagħtu rigal zgħir lill-ommijiet kollha. Il-membri qablu unanimament.

**14.10 Aġġornament dwar il-proċess ta Reklutaġġ;**

14.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infrumat lil membri li-l-*interview* saret u qed jitlesta ir-rapport biex jiġi approvat mill-Kunsill. Kif dan jilesta ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa b'urġenza biex ma jintilifx aktar żmien.

**14.11 Milied 2025;**

14.11.1 Is-Sindku informa lil membri li għal-iskema SPI/SCI/04/25 kellem artist mir-raħal, dan iżda irrakkomanda li nkellmu lil artist Joseph Cauchi. Dan ġie avviċinat u ġie fuq il-post u spjega d-disinn li se jkun qed jaħdem fuqu. Kif l-istima kun lesta tiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss biex niproċedu għal-applikazzjoni. Il-membri qablu.

**14.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, llum, l-Erbgħa 06 ta' Mejju 2025.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA